MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Rikors Numru. 20/2002

Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Helen Camilleri , Saviour Demicoli f'isem l-assenti Joseph Farrugia u Emerenziana Borg, George Farrugia, Jane Demicoli u Charmaine Azzopardi

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artijietipprezentat fis-26 ta' Gunju, 2002 fejn espona:

Illi l-intimati gie notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 30 ta' April, 2002 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond f'Birkirkara, Nru 150 Triq l-Imsida accessibbli wkoll minn 151 Triq l-Imsida huwa ta' elf sitt

mija u disghin lira Maltija (Lm1,690) kif jidher deskritt mir-rapport tal-Perit Frederick H Valentino A&C.E. tal-31 ta' Ottubru, 2000 li estratt tieghu (Dok A) hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju, 2002 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000).

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitolb bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jitrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta ta' l-intimati pprezentata fid-19 ta' Lulju, 2002 fejn esponew:

Illi l-offerta proposta mir-rikorrent ta' elf, sitt mija u disghin lira Maltija (Lm1,690.00) bhala kumpens li l-Awtorita' kompetenti hija lesta li thallas lill-istess intimati ghall-esproprjazzjoni tal-fond f'Birkirkara Nru. 150, Triq l-Imsida accessibli wkoll minn 151 Triq l-Imsida, m'hijiex accettabbli.

Illi l-intimati minflok jesigu li l-kumpens dovut lilhom ghall-esproprjazzjoni tal-imsemmi fond ghandu jkun ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000.00) ghar-ragunijiet indikati fl-anness certifikat tal-Perit Dathan Muscat datat 20 ta' Dicembru 2001 u mmarkat Dok A.

Ghaldaqstant l-intimati umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa tali ammont ta' hamest elf lira Maltin (Lm5,000.00) bhala l-kumpens xieraq li ghandu jithallas mir-rikorrent lill-intimati ghall-esproprjazzjoni tal-fond

f'Birkirkara, Nru 150., Triq l-Imsida accessibbli wkoll minn 151 Triq l-Imsida.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li dan ir-rikors mexa kontestwalment ma' dak 22/2002.

Ikkunsidra:

1. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet, rikorrent qed joffri kumpens ta' l-art fuq imsemmija l-ammont ta' Lm1690. Min naha l-ohra l-intimati qed jitolbu s-somma ta' Lm5,000.

2. Il-periti mahtura mill-Bord qed jiffissaw il-kumpens xieraq fl-ammont ta' Lm4,500.

3. Il-Bord irid jimxi fuq il-kumpens stabbilit mill-periti minnu mahtura fis-7 ta' Frar, 2003, jigifieri ta' Lm4,500 u dan dejjem skond il-ligi.

4. Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jittrasferixxu favur tieghu b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond numru 150, Triq l-Imsida accessibbli wkoll mill-fond 151, Triq l-Imsida kif deskritt ma' l-Avviz ghal Ftehim bil-kumpens ta' Lm4,500;
Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala nutar tad-Dipartiment ta' l-Artijiet jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fl-ufficju tar-rikorrent fil-21 ta' Gunju, 2006 fid-9:00a.m;. jahtar lill-avukat Dr Paul Borg Olivier biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------